VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 61 tal-2014

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru għall-Finanzi ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 100,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 3.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (V) *Fungibility Issue*, u

(b) 3.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2024 (I), u

(ċ) 4.45% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (II), jew

(d) ammonti mit-tliet *Stocks* fuq imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Euro 100,000,000.

Mod tal-ħruġ ta' *Stocks*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm stabbilit fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. (1) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fil-31 ta' Lulju, 2014 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(1)(a) u (b), kull ammont allokat skont it-3.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (V) F.I. jiġi integrat mal-ħruġ eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara jitqies bħala *Stock* wieħed.

(3) Fit-12 ta' Mejju, 2014 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(2)(a) u (b), kull ammont allokat skont it-3.3%

VERŻJONI ELETTRONIKA

Stock tal-Gvern ta' Malta 2024 (I) jiġi integrat u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

(4) Fit-3 ta' Settembru, 2014 wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kif muri fl-artikolu 7(3)(a) u (b), kull ammont allokat skont l-4.45% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (II) jiġi integrat u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 100,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont ta' mhux iżjed minn Euro 60,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.60 għal kull Euro 100, tat-3.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (V) jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-31 ta' Jannar u fil-31 ta' Lulju ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn it-3 ta' Marzu, 2014 u t-30 ta' Lulju, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fil-31 ta' Lulju, 2014;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn is-6 ta' Marzu, 2014 u t-30 ta' Lulju, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fil-31 ta' Lulju, 2014.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.65 għal kull Euro 100, tat-3.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2024 (I) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-12 ta' Mejju u fit-12 ta' Novembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn it-3 ta' Marzu, 2014 u l-11 ta' Mejju, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fit-12 ta' Mejju, 2014;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn is-6 ta' Marzu, 2014 u t-11 ta' Mejju, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fit-12 ta' Mejju, 2014.

(3) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.225 għal kull Euro 100, tal-4.45% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (II) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-3 ta' Marzu u fit-3 ta' Settembru ta' kull sena sakemm idum

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-i*Stock*:

(a) l-ewwel ħlas tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet sottomessi minn membri tal-pubbliku, li jkopri l-perjodu bejn it-3 ta' Marzu, 2014 u t-2 ta' Settembru, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fit-3 ta' Settembru, 2014;

(b) l-ewwel ħlas *pro rata* tal-imgħax fuq l-ammont allokat mill-applikazzjonijiet b'irkant sottomessi minn investituri istituzzjonali, li jkopri l-perjodu bejn is-6 ta' Marzu, 2014 u t-2 ta' Settembru, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fit-3 ta' Settembru, 2014.

Fidwa ta' *Stock*.

8. (1) It-3.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (V) jinfeda b'parità fil-31 ta' Lulju, 2019.

(2) It-3.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2024 (I) jinfeda b'parità fit-12 ta' Novembru, 2024.

(3) L-4.45% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2032 (II) jinfeda b'parità fit-3 ta' Settembru, 2032.